25 ta' April, 1995

Imħallef:-

Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.

Avukat Dottor Louis Vella

*versus*

Patrick Ruggier

*Kawża li twieldet meta l-attur ipparkja l-vettura tiegħu quddiem il-garaxx tal-konvenut li għamel ħsara fil-*locks *fil-vettura ta' l-attur biex jipprova jċaqlaq il-karozza.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza appellata u sabet għar-responsabiilta` tal-konvenut.*

Il-Qorti:-

Is-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' Diċembru, 1994 taqra hekk:

"Rat l-avviż ipprezentat mill-attur fit-27 ta' Frar, 1992 fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tnejn u tletin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm32.34,0) bħala danni mill-konvenut ikkawżati fil-vettura ta' l-attur tal-marka Fiat UNO numru tar-reġistrazzjoni S-1462, meta fit-3 ta' Ġunju, 1991 il-konvenut ħa l-liġi f'idejh u abbużivament u illegalment sgassa u spustja l-imsemmija karozza (li dak il-ħin kienet imsakkra);

Bl-isppejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Frar, 1992 u bl-imgħax legali min-notifika ta' l-istess ittra uffiċjali sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa s-segwenti:

Illi l-esponenti ma huwa responsabbli lejn l-atur għal ebda ħsara;

Illi l-allegata "ħsara kienet aċċidentali (artikolu 1029, Kodiċi Ċivili), kif jirriżulta awtorevolment mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-30 ta' Jannar, 1992 annessa Dok. A;

Illi fi kwalunkwe każ, kien l-attur li pprovoka l-inċident b'att tiegħu deliberat u anteċedenti, meta pparkja l-karozza tiegħu quddiem l-entrata tal-garaxx ta' l-esponenti u hekk imblokkah milli joħroġ il-karozzi mill-garaxx. Dan l-aġir ta' l-attur huwa abużiv u huwa ksur deliberat ta' divjet tal-liġi lilu impost bħala utenti tat-triq u huwa għalhekk fatt delittuż da parti ta' l-attur. F'dawn iċ-ċirkostanzi għandu japplika l-prinċipju fil-materja illi *nemo ex dolo suo proprio relevatur aut auxilium capiat*;

Illi inoltre, il-fatt doluż ta' l-attur diġa` msemmi għamel għall-esponenti impediment li jeżerċita d-dritt tiegħu li jagħmel użu mill-karozza tiegħu għal żmien rilevanti u hekk l-attur poġġa lill-esponenti fi stat ta' neċessita` u ta' kostrizzjoni morali tan-natura ta' forza maġġuri li kien jirrikjedi li ssir xi ħaġa immedjata u b'urġenza. Hawnhekk japplika bil-forza tiegħu kollha l-kriterju ta' l-ekwita` li huwa l-prinċipju operatur tad-dritt u jxejjen kull ombra ta' responsabilita` fl-esponenti meta ġie hekk rinfaċċjat bi stat impellenti ta' neċessita` li juża ħwejġu kif għandu dritt;

Illi *del resto*, kif ġie affermat fis-sentenza esebita Dok. A, l-esponenti ma riedx li jagħmel ebda ħsara fil-karozza ta' l-attur. Huwa għamel dak li kien jagħmel fil-karozza tiegħu stess kieku tilef iċ-ċavetta jew inzerta sakkar il-karozza biċ-ċavetta ġo fiha u ried jiftaħha;

Illi għalkemm superfluwu fid-dawl tal-premessa jista' jiżdied illi l-attur irranġa s-serratura bi spiża ta' Lm5.61c (dok. B anness) u kien żmien wara li beda jippretendi l-ammont akbar li indika fl-avviż;

Illi għal kull waħda mir-raġunijiet premessi u dak li jiġi sottomess fit-trattazzjoni tal-kawża, id-domanda ta' l-attur għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontrih;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-fatti li ġew miġjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti mix-xhieda prodotta mill-partijiet jirriżulta illi l-attur kien ipparkja l-karozza tiegħu Fiat Uno Reg. No. S-1462, fit-3 ta' Ġunju, 1991 f'Santa Venera;

Illi skond ix-xhieda ta' PS440 Donald Vassallo msejjaħ mill-partijiet fuq il-post fil-ġurnata ta' l-inċident, l-attur ipparkja quddiem garaxx li kellu *sticker* ta' *No Parking*. L-attur jgħid illi din l-i*sticker* ma kinitx hemm meta huwa pparkja l-karozza (ara xhieda a fol. 32/33). Dan il-garaxx huwa wieħed minn ringiela ta' garaxxijiet f'dik it-triq tant illi anqas bankina ma hemm;

L-attur isostni illi huwa dam xi għoxrin minuta u meta rritorna sab lill-konvenut kokka fuq in-naħa ta' wara b'tornavit kbir f'idejh

u parti mill-*lok* tal-karozza tiegħu ma' l-art;

Mistoqsi x'kien qed jagħmel, il-konvenut qal li kien xeba' jistennih u kien qed jipprova jċaqlaqlu l-karozza sabiex il-konvenut ikun jista' joħroġ il-karozza tiegħu mill-garaxx;

Illi l-attur sostna illi pprova jilħaq ftehim dwar il-ħsara pero' meta l-konvenut ma riedx sejjaħ lill-pulizija;

Il-ħsara kienet għar-rigward ta' *lock* tal-*hatchback* u peress illi l-Fiat Uno għandhom ċavetta waħda li jservi għal bibien kollha u għall-*ignition* l-attur kien ser ikun kostrett ikollu ċavetta separata jew ikollhom jinbidlu l-*banels* kollha tal-*locks* kollha u għalhekk kien jippretendi Lm32.34,0;

Illi l-ispejjeż għal *barrel* tal-*lock* tal-*hatchback* waħedha fil-fatt ammontat għall-Lm5.61 (ara Dok. PR);

Imbagħad l-attur biddel il-*barrels* kollha kif jirriżulta minn Dok IV fol. 19 bi prezz ta' Lm26.73;

Il-konvenut inizjalment qal li ser iħallas pero' baqa' inadempjenti;

Minn Dok. DV2 jirriżulta l-iskrittura privata fejn il-konvenut iddikjara illi kien ippreparat iħallas għad-danni li kien ikkawża fil-karozza ta' l-attur (ara fol. 26);

Illi skond il-konvenut dan sostna illi huwa ried joħroġ bil-karozza tiegħu li kienet ipparkjata fil-garaxx tiegħu fi Triq San Lawrenz, Santa Venera, meta sab il-karozza ta' l-attur tibblokka

dan il-garaxx. Minn hemm il-konvenut ipprova jfittex lil Dr. Vella - staqsa lill-ġara u dar il-blokk kollu;

Huwa pprova jilgħab mal-*lock* tal-bieba tal-karozza ta' l-attur ħalli jċaqlaq din il-karozza u f'mument minnhom taret il-molla u nqalgħet il-*lock*. Sa dan it-tant ġie Dr. Vella li ad insaput tal-konvenut mar iċempel lill-pulizija;

Il-konvenut stqarr illi huwa kien lest illi jirranġa jħallas għal *lock* - ġie l-pulizija - ffirma d-dikjarazzjoni li ser jagħmillu tajjeb għal *lock*;

Għadda xi żmien u l-attur ippretenda li jinbidlu l-*locks* kollha u li jitħallas Lm500 sabiex taqa' l-azzjoni kriminali. L-attur jgħid illi huwa ried l-imputat jiddeposita Lm500 fid-Dar tal-Providenza biex b'hekk isservih bħala lezzjoni;

Saru l-proċeduri kriminali u l-konvenut ġie lliberat kif jidher mis-sentenza appell kriminali esebita a fol. 7 - iddatata 30 ta' Jannar, 1992;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa x-xhieda f'dan il-proċess ma tistax tara kif l-attur baqa jsostni bl-azzjoni tiegħu wara s-sentenza ta' appell kriminali tat-30 ta' Jannar, 1992 fejn dik il-Qorti ddikjarat illi l-ħsara li dwaru jilmenta l-attur kienet aċċidentali (ara dok. A a fol. 7 *et seq*);

Illi il-cosi dett "ħsara" kienet *causa* ta' l-aġir illegali ta' l-attur <u>stess</u> meta dan imblokka l-garaxx tal-konvenut mingħajr għal anqas

ma ħalla indirizz fejn jista' jinstab jew indikazzjoni kemm ser idum. Aġir bla kont ta' din il-kwalita` da parti ta' l-attur, kieku seħħ per eżempju fl-Ingilterra kien isarraf fi ħlas ta' mijiet ta' liri f'*towage and storage* da parti ta' l-attur, apparti minn multa sostanzjali;

Illi apparti dana kollu ħadd ma hu permess illi jipprofitta mill-aġir illegali tiegħu nnifsu *nemo ex dolo suo proprio relevatur aut auxilium capiat*;

Illi ebda ħsara ma kienet tiġi kkawżata kieku l-karozza ta' l-attur ma mblukkatx il-garaxx tal-konvenut fl-ewwel lok;

Illi il-*full reinstatement in his position* a rigward ta' danni li l-attur qed jippretendi, bil-ħlas ta' Lm32.34 - minflok ta' Lm5.61 f'danni reali u attwali, jseħħ biss fil-liġi meta t-tort għall-istess danni, jkun <u>kollu</u> tal-konvenut. L-uniku tort li ġie stabbilit kien dak li emanixxa mill-aġir ta' l-attur;

Illi l-konvenut, del resto, kien ippreparat iħallas id-danni attwali pero` lill-attur dan ma bbastahx u ried jieħu *his pound of flesh*. Din il-Qorti qed takkordaha;

Il-Qorti tixtieq tiddikjara obiter, illi min jiskongra jrid ikun pur, u kien ikun aħjar, flok ma nippretendu illi ngħallmu lill-oħrajn billi nesiġu donazzjonijiet lill-Istituti karitatevoli kieku bħala nies ta' liġi, noqogħdu għaliha b'mod aktar preċiż;

Illi għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut tirrespinġi t-talbiet attriċi bl-ispejjeż";

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attur li permezz tagħha talab

li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Essenzjalment l-attur qed jappella mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti fuq il-bażi illi din tikkostitwixxi preċedent legali perikoluż billi tikkondona l-aġir ta' min jieħu l-liġi b'idejh. Skond l-appellant, ukoll is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali m'għandhiex rilevanza għall-fini ta' din il-kawża li hi bbażata fuq prinċipji totalment differenti u partikolarment fuq il-prinċipju li min jikkawża ħsara lil ħaddieħor għandu jirrispondi għaliha;

Jiġi osservat fl-ewwel lok li l-konvenut appellat qed jikkontendi li l-appell ta' l-attur huwa null peress li si tratta ta' somma anqas minn Lm50 u l-appell mhux fuq punt ta' liġi;

Din il-Qorti, pero` ma taqbilx. Infatti, involut f'dan l-appell hemm prinċipju importanti ħafna u ċjoe` dak li jirregola r-responsabilita` għall-ħsara li wieħed jikkaġuna meta jkun konfrontat f'sitwazzjonijiet skomodi;

Biex tgħid mill-inqas, din il-Qorti tħossha xi ftit jew wisq sorpriża mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti billi jidher li lil din sfuġġielha kompletament il-punt essenzjali tal-vertenza;

L-attur Dr. Vella ċertament żbalja meta qabad u pparkja l-vettura tiegħu fejn sab u mingħajr ma ta każ ta' l-inkonvenjent li seta' kkaġuna lil ħaddieħor. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx li ċittadin ikun min ikun li jsib il-vettura ta' ħaddieħor ipparkjata quddiem il-garaxx tiegħu għandu d-dritt li jagħmel li jrid u li jogħġbu u anke jikkaġuna ħsara f'dik il-vettura meta għandu rimedji oħrajn - u diversi rimedji oħrajn - li għalihom jista' jirrikorri mingħajr ma jagħmel ħsara lil ħaddieħor, jew fejn il-ħsara tista' tiġi minimizzata;

F'dan il-każ partikolari, ma jidhirx li l-konvenut kellu xi emerġenza, tant li hu stess xehed li dam tliet kwarti jew siegħa jfittex biex jara fejn seta' jsib lill-attur ħa jneħħilu l-karozza. Imbagħad kellu wkoll il-ħin iġib l-għodda u joqgħod jilgħab mas-serratura tal-bieba tal-karozza biex jiftaħha u jkun jista' jċaqlaqha. Din il-Qorti trid tifhem li jekk il-konvenut kellu bżonn joħroġ il-karozza tiegħu mill-garaxx tiegħu, fiċ-ċirkostanzi kif jemerġu f'dan il-każ partikolari, huwa kellu diversi alternattivi: seta' kera taxi jew inqeda b'ħaddieħor u bagħat il-kont lill-attur; seta' informa u talab l-assistenza tal-pulizija jekk hemm bżonn ukoll billi jiġu impjegati mezzi bi ħlas biex il-karozza ta' l-attur tiġi rimessa u jibgħat il-kont lill-attur; seta' wkoll jipprova jiftaħ il-karozza ta' l-attur biex iċaqlaqha u jidher li l-konvenut għażel proprju dan l-aħħar metodu wara siegħa żmien u għażel metodu li esponih għal riskju li fil-proċess tal-ftuħ tal-karozza seta' jikkawża ħsara. Il-konvenut seta' rrikorra għal sistemi aktar spendjużi li per neċessita` kienu jimpurtaw responsabbilita` finanzjarja da parti ta' l-attur għax il-kawża kien ikun hu. Pero` l-ftuħ tal-bieba tal-karozza mhux bilfors kellu jimporta ħsara u jekk saret ħsara din saret mhux għax kienet neċessarja iżda għax il-konvenut għażel dik is-soluzzjoni u ġietu ħażin;

Għalhekk il-prinċipju li kellu jirregola l-materja kellu jkun dan u mhux dak li għalih irrikorriet l-ewwel Qorti. Bl-argument ta' l-ewwel Qorti l-konvenut seta' rrikorra għal kull mezz spendjuż kemm hu spendjuż kważi anke jekk ma kellux għalfejn joħroġ il-karozza mill-garaxx. Mentri l-posizzjoni ma tistax tkun din;

Kwantu jirrigwarda l-kwantum, din il-Qorti tara li dan jirriżulta dovut. Jiġi osservat ukoll il-fatt li l-ewwel Qorti ma kellhiex tinjora l-fatt li fil-bidu l-konvenut tant kien jaf li għamel ħażin, jew li ġietu ħażin, li ffirma li jidħol responsabbli għall-ħsara u dan għamlu mingħajr riservi. Dan ukoll kien joħloq relazzjoni ġuridika li ma setgħetx tiġi injorata;

Din il-Qorti għalhhekk ser takkolji l-appell, iżda fiċ-ċirkostanzi jidhrilha li għandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż. Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma mitluba. L-ispejjeż kollha kemm ta' prim'istanza kif ukoll dawk ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.